TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 238/16/F

**Gaston Debono għan-nom u in rappreżentanza ta' Blue Sky Mansions Owners' Association**

**vs**

**Liftman**

Illum 25 t'April, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija, u tlieta u erbgħin ewro, u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€543.27), rappreżentanti diversi nuqqasijiet illi s-soċjeta' ntimata għamlet fis-servizz tal-lift.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma qed jilmentaw dwar kont tliet kontijiet li ġew ippreżentati lill-assoċjazzjoni fuq 3 affarijiet, pero' qed jilmentaw fuq it-tieni kont ta' €212.87 fuq tibdil ta' switches, fejn qed jgħid illi r-rikorrenti kien qed jassisti lill-intimat billi qagħad miegħu meta kien qed jagħmel il-*maintenance* u ma biddel l-ebda switch.

It-Tribunal, jinnota li għar-rigward it-tieni kont, Dok B, jidher li sar xi xogħol milli hemm. L-intimat qed jgħid li biddel is-switches u r-rikorrenti qed jgħid li ma biddel l-ebda switch, pero' provi ċari ma nġabux miż-żewġ naħat. It-Tribunal, għalhekk qed jikkonsidra minħabba l-fatt illi sar xi xogħol matul il-lejl, ta' dan ix-xogħol l-intimat għandu jitħallas xi ħaġa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lir-rikorrenti jħallas lis-soċjeta' ntimata l-ammont ta' mija u ħames ewro (€105), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**